MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 226/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lorraine Vella**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lorraine Vella talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Awissu, 1995 u fl-ahhar granet qabel dik id-data (**1**) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**2**) kella fil-pussess taghha d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**3**) kellha fil-pussess taghha medicina specifikata u psikotropika bi ksur tal-ligi; (**4**) kellha fil-pussess taghha l-pjanta *cannabis*, kollha jew parti minnha, bi ksur tal-ligi; (**5**) saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Frar, 1995; kif ukoll talli (**6**) kisret il-kundizzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Marzu, 1995;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmija Lorraine Vella mill-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni izda sabitha hatja skond it-tielet imputazzjoni u qeghditha taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* Mary Grace Vella ghall-periodu ta' sentejn skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 bl-obbligu li toqghod ghall-kundizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni ta' Probation anness ma' l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Lorraine Vella, minnha ppresentat fid-9 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-24 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti huwa wiehed semplici: hija tikkontendi li l-ewwel qorti ma setghet qatt issibha hatja skond it-tielet imputazzjoni (li tipotizza reat bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 31), u dan ghax il-pilloli li ghalihom kienet qed tirreferi l-ewwel qorti fis-sentenza taghha ma kienux medicina li taqa' taht il-Kap. 31 izda medicina perikoluza li taqa' taht il-Kap. 101. Ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, ser tigi riprodotta dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel qorti li l-appellanti qed tilmenta minnha:

**L-unika akkuza li tinsab provata hija l-akkuza (c) b'referenza ghall-pilloli valium li instabu fil-pussess ta' l-imputata. Il-Qorti tosserva li avut rigward ta' fejn instabu l-pilloli, il-Qorti hija sodisfatta li kienet taf bl-esistenza taghhom u gia la darba kienu fir-residenza taghha, allura anke l-aspett materjali tar-reat ta' Pussess Illegali (semplici) jinsab provat. Rigward il-pillola ecstasy li nstabet fil-portmoni taghha, il-Qorti tirrileva li din id-droga ma tidhol** [recte: tidholx] **fit-termini ta' l-akkuzi, stante li din id-droga hija meqjusa bhala medicina 'ristretta' u mhux 'specifikata'.**

L-appellanti tikkontendi li l-pilloli misjuba fil-pussess taghha – li kienu 19, apparti, cioe`, il-pillola wahda "ecstasy" – ma kienux "valium" u allura medicina spicifikata u psikotropika, izda kienu *dihydrocodeine tartrate* li jaqghu taht il-Kap. 101 u mhux taht il-Kap. 31. L-appellanti tikkontendi li dak li evidentement gara kien li l-ewwel qorti hawwdet id-19-il pillola Dok. 95BSU10 (misjuba fil-kcina tar-residenza taghha) mal-valium misjuba fir-residenza ta' Joseph Grech (il-persuna l-ohra li tiffigura fir-rapport tal-espert Dott. Anthony Abela Medici). L-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott Mark Said effettivament ammetta li l-ewwel qorti kienet hekk skambjat pilloli ma' ohra (ara l-verbal registrat fl-udjenza ta' l-24 ta' Jannar, 2003), u din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-appellanti. Id-*dihydrocodeine* taqa' fil-fatt taht it-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 101, u ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-appellanti hatja, riferibbilment ghal din is-sustanza, ta' pussess ta' medicina specifikata u psikotropika taht il-Kap. 31. L-appell sejjer ghalhekk jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond it-tielet imputazzjoni u fejn ghamlet Ordni ta' *Probation*, u minflok tillibera lill-appellanti minn din it-tielet imputazzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti tordna ghal kull buon fini li kopja ta' din is-sentenza tigi trasmessa mir-Registratur lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Grace Vella.

-------------------------------TMIEM-------------------------------